

31982R2152

L 228/5

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.8.1982

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEFA, KEE, EURATOM) Nru 2152/82  
tat-28 ta' Lulju 1982**

**li jemenda r-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 li jstabilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni waħda tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikoli 16 u 22 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>;

Billi r-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 <sup>(2)</sup>, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEFA, KEE Euratom) Nru 1545/73 <sup>(3)</sup>, għandu jiġi emendat biex jieħu kont tar-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2150/82 tat-28 ta' Lulju 1982 li jintroduċi miżuri speċjali u temporanji biex jin-temm is-servizz ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika <sup>(4)</sup>,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Is-subparagrafu li ġej (h) għandu jkun miżjud ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69:

“(h) dawk li huma intitolati għall-*allowance* prevista fil-każ tat-terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2150/82.”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika minn meta r-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2150/82 jidħol fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-28 ta' Lulju 1982.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

O. MØLLER

<sup>(1)</sup> ĠU C 182, tad-19.7.1982, p. 127.

<sup>(2)</sup> ĠU L 74, tas-27.3.1969, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 155, tal-11.6.1973, p. 7.

<sup>(4)</sup> Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.